**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 25 TA' MARZU, 2002

**Numru:**

**Avviz Nru: 1910/01 JB**

**Maltacom Plc**

**vs**

**EF Computer Systems & Tech. Co**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm51.75c (wiehed u hamsin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmi) rappresentanti servizzi ta' approvazzjoni ta' tip dwar it-taghmir tat-telekommunikazzjonijiet bejn it-3 ta' Settembru 1998 u t-30 ta' April 2001.

Illi s-socjeta konvenuta naqset li thallas is-somma minnha dovuta ghas-servizzi fuq imsemmija, skond il-Ligi (Avviz Legali 219 u

220 ta’ l-1998), u dan nonostante li giet interpellata taghmel dan permezz ta’ ittra ufficjali.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 20 ta’ Dicembru, 2001 u bl-imghaxijet kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema lil PL Noel Scerri jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta’ Lm51.75c (wiehed u hamsin lira Malitn u hamsa u sebghin centezmi) rappresentanti servizzi ta’ approvazzjonijiet ta’ tip dwar it-taghmir tat-telekommunikazzjonijiet bejn it- 3 ta’ Settembru 1998 u t- 30 ta’ April 2001, bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph Bonnici**

**Gudikatur**